

31993R1891

15.7.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 172/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1891/93
tat-12 ta' Lulju 1993

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3759/92 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fi prodotti tas-sajd u akwakultura u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 fuq in-nomenklatura tat-tariffi u statistika u fuq it-Tariffa Doganali Komuni

Il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-fehma tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-fehma tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

billi d-domanda tal-Komunità għal, u importazzjoni ta', surimi (ġelatina ta' proteina maħsula u stabilizzata magħmula minn ħut maċinat) u preparazzjonijiet ta' surimi, maħsuba għal konsum dirett, dejjem żidiet matul dawn l-aħħar snin;

billi l-produzzjoni ta' surimi mill-Komunità u l-produzzjoni ta' surimi kibret fl-importanza pass pass flimkien ma' normi internazzjonli;

billi l-esperjenza wriet li għalkemm xi speċi differenti ta' ħut b'kontenut baxx ta' xaħam jista' jintuża bħala materja prima għall-produdżżjoni ta' surimi, identifikazzjoni spċċifika tal-materja prima li attwalment qiegħda tintuża muhuwiex possibbli minħabba l-karakteristiċi finali tas-surimi u l-preparazzjonijiet tas-surimi;

billi fil-preżent la s-surimi u anqas il-preparazzjonijiet tas-surimi mhuma identifikabbli bħala prodotti bla ħsara għar-regolamenti tal-politika komuni dwar is-sajd stabbilita bir-REGOLAMENT (KEE) Nru 3759/92 ⁽⁴⁾;

billi, għal dik ir-raquni, il-Komunità ma tkunx tista' tissorvelja l-kummerċ f'dawn il-prodotti jew it-tendenza tal-prezzijiet tas-suq u billi għalhekk ir-Regolament għandu jkun kif emendant sabiex hekk jinkludi s-surimi u l-preparazzjonijiet tas-surimi;

billi n-nomenklatura tat-tariffi li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-REGOLAMENT (KEE) Nru 3759/92 hija inkluża fit-Tariffa Doganali Komuni u emenda minħabba f'hekk għandha ssir għar-Regolament (KEE) Nru 58/87 ⁽⁵⁾,

ADOTTAT DAWN IR-REGOLAMENTI LI ġEJJIN:

Artikolu 1

Is-Subintestaturi li ġejjin għandhom jiġu inseriti fl-Anness VII mar-Regolament (KEE) Nru 3759/92 u fl-Anness I mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Rata ta' dazju | | Unità supplimentari |
|-------------|--|---------------------------------------|-------------------------------|---------------------|
| | | Perċentwali awtonoma (%) ta' leyy AGR | Perċentwali (%) konvenzjonali | |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| “0304 90 05 | - Surimi - - Oħrajn | 15 | 15 | - |
| 1604 20 05 | - Preparazzjoni ta' surimi - - Oħrajn | 25 | 20 | -” |

⁽¹⁾ ĠU 158, tal-25.6.1992, p. 21.

⁽²⁾ ĠU C 2, tal-15.3.1993, p. 175.

⁽³⁾ ĠU C 32, tas-16.12.1992, p. 25.

⁽⁴⁾ ĠU C 88, tal-31.12.1992, p. 1. Regolament kif emendant bir-Regolament (KEE) Nru 697/93 (ĠU C 76, tat-30.3.1993, p. 12).

⁽⁵⁾ ĠU C 56, tas-7.9.1987, p. 1. Regolament kif finalment emendant bir-REGOLAMENT (KEE) Nru 01/93 (ĠU C 04, tad-29.4.1993, p. 28).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-12 Lulju 1993.

Għall-Kunsill

Il-President

Ph. MAYSTADT
